DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR181038** **11.05.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Konferenza dwar il-qagħda ta' persuni milquta mill-'fibromyalgia', fil-Parlament***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia mexxa l-ewwel konferenza dwar il-qagħda tal-persuni milquta mill-*fibromyalgia*, fil-Parlament.

L-Ispeaker irrefera għad-diffikultajiet tal-individwi milquta mill-mard ME, CFS u *fibromyalgia* u li ħafna minnhom jinsabu fi stat ta' uġigħ kontinwu, minkejja li mad-daqqa ta' għajn jidhru normali. Għal din ir-raġuni dawk milquta mill-*fibromyalgia* jissejħu wkoll persuni b'diżabilitajiet li ma jidhrux (*invisible disabilities*).

Din il-konferenza kienet opportunità biex il-morda u l-membri tal-ME, CFS u *fibromyalgia* jitkellmu dwar id-diffikultajiet tagħhom mal-membri tal-Parlament u kif jistgħu jiġu megħjuna biex ikun hemm titjib f'ħajjithom.

L-Ispeaker saħaq li għandu jitfassal pjan ta' azzjoni filwaqt li titnieda kampanja nazzjonali dwar il-*fibromyalgia*. Għandu jintbagħat messaġġ lill-awtoritajiet kompitenti, lis-sidien tal-postijiet tax-xogħol u lill-professjonisti mediċi biex il-morda tal-ME, CFS u *fibromyalgia* tingħatalhom għajnuna kif ukoll kura biex l-għajxien tagħhom jitjieb.

Din il-laqgħa kienet organizzata mill-ME, CFS & Fibromyalgia Alliance - Malta, kienet indirizzata wkoll minn Souzi Makri, President, European Network of Fibromyalgia Associates (ENFA), mill-Professur Stephen Bevan, University of Lancaster and Institute of Employment Studies (UK), morda li qassmu l-esperjenza iebsa ta' dan il-mard u membri Parlamentari fosthom Chris Fearne (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa), Anthony Agius Decelis Farrugia (Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva), David Agius (Deputat Kap tal-Oppożizzjoni għall-Affarijiet tal-Parlament), Robert Abela, Maria Deguara, Salvino Grixti u Stephen Spiteri.

**Attachments: photos**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**